MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru 749/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**RACHELLE BACK SAKKA FIORINI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Rachelle Back Sakka Fiorini ta’ 30 sena, bint John Fiorini u Mary Rose nee’ Scicluna, imwieleda Attard fit-13 ta’ Ottubru 1976, residenti 6, ‘Casa Fiorini’, Triq ic-Cimiterju, Zabbar, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 512976(M).

Illi hija akkuzata talli bejn l-1 ta’ Gunju 2007 u l-4 ta’ Gunju 2007, fil-bini tal-Qorti tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, ikkommettiet spergur fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti ta’ l-ittra numru 477/07RFV fl-ismijiet Rachelle Bach Sakka Fiorini vs. Mohammed Back Sakka,

liema proceduri huma presjeduti mill-Imhallef Dr. Noel Cuschieri billi:

1. halfet fil-falz f'materja civili u dan bi ksur ta' l-Artikolu 106 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. hadet gurament falz quddiem ufficjal li ghandu s-setgha b'ligi li jaghti gurament u dan bi ksur ta' l-Artikolu 108 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.4) u dak ta' l-imputata (a fol.7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-kwerelant, Mohammed Back Sakka Fiorini, permezz ta' kwerela (Dok.AM – a fol.15) talab lill-Ufficjal tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra martu Rachelle Back Sakka Fiorini ghal gurament falz, stante li hija kkommettiet spergur, waqt proceduri fil-Qorti Civili, sezzjoni tal-Familja.

Illi fil-mori tal-kawza, Mohammed Back Sakka Fiorini, qatt ma deher biex jikkonferma l-kwerela tieghu, illi di piu', waqt il-proceduri ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti Civili, sezzjoni tal-Familja, l-istess proceduri huma skond l-Artikolu 4 (7) ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003 fejn:

*"Il-konjugi u l-persuni l-ohra kollha ma jkunu mehtiega jiehdu ebda gurament u ma tistghax tigi prodotta ebda prova quddiem xi Qorti dwar dak li jkun inghad quddiem il-*

*medjatur fil-proceduri ta' konciljazzjoni jew ta' medjazzjoni…"*

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandiex prova ta' testimonjanza fi proceduri lamentati minn Mohammed Back Sakka Fiorini; illi dawn id-deposizzjonijiet, di solitu, ma jsirux bil-gurament, u anke kieku stess, il-produzzjoni ta' tali testimonjanza hija projbita kif fuq indikat.

Illi, di piu', skond l-Artikolu 635 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ma jistghax jaghti t-testimonjanza tieghu il-ghaliex ma jikkoncedux ic-cirkostanzi li jippermettulu jaghmel dan skond l-Artikolu fuq imsemmi.

Ghaldaqastant il-Qorti ssib lill-imputata, **Rachelle Back Sakka Fiorini, mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------